PJAZZA TEATRU RJAL

A. Casa Cassar, Triq il-Vittorja, Valletta VLT1050 Malta
E. contact@pjazzateatrurjal.mt
T. +356 2247 8100

27th May 2019

PRESS RELEASE

# Italian TV star MASSIMO LOPEZ to perform at Pjazza Teatru Rjal

On Thursday 6th June, the eve of the Sette Giugno public holiday, Pjazza Teatru Rjal will be presenting a one of a kind evening featuring Italian television star Massimo Lopez together with the Big Band of the Malta Concert Orchestra.

Lopez, crooner and showman like no other, will perform a selection of swing classics, in which he will revisit the milestones of some of the all-time greats such as Cole Porter, George Gershwin, Jimmy Van Heusen, Richard Rodgers and others. A series of successes ranging from the 30's to the 50's, made famous by great performers like Frank Sinatra, Tony Bennet, and Sammy Davis jr such as "Fly me to the moon", "My way", "I've got you under my skin" and "Theme from New York, New York" to mention but a few.

Lopez's love for this style was cultivated for many years before it blossomed thanks to the collaboration with one of the most prestigious Italian jazz and swing formations, the Jazz Company led by Gabriele Comeglio who will also be leading the Big Band of the Malta Concert Orchestra in this spectacular concert. Comeglio's illustrious career included collaborations with Grammy Award winners such as Bob Mintzer and Dee Dee Bridgewater and with important Italian pop stars such as Fabio Concato, Lucio Dalla, Mina, Ron and Franco Battiato amongst others.

In typical Massimo Lopez fashion, the concert will include funny gags, monologues and the same irresistible, trademark imitations that had led him to great TV success fusing the great Sinatra-Bennet-Davis masterpieces with imitations of politicians past and present, from Antonio Di Pietro and Romano Prodi to Giuseppe Conte as well as some of the great Popes in history.

The concert at 20:30h. Students and senior citizens may benefit from special discounts on concert tickets. For more information and tickets go to **www.pjazzateatrurjal.mt**

**-------------END---------------------------------------------------------------------------------------------------------------**

PJAZZA TEATRU RJAL

A. Casa Cassar, Triq il-Vittorja, Valletta VLT1050 Malta
E. contact@pjazzateatrurjal.mt
T. +356 2247 8100

27 ta' Mejju 2019

STQARRIJA STAMPA

# MASSIMO LOPEZ, persunaġġ popolari televiżiv Taljan, f'kunċert ġewwa Pjazza Teatru Rjal

Il-Ħamis 6 ta' Ġunju, lejlet il-jum nazzjonali tas-Sette Giugno, Pjazza Teatru Rjal ser itella' spettaklu uniku bil-parteċipazzjoni tal-istilla televiżiva Taljana Massimo Lopez li ser ikun akkumpanjat mill-Big Band tal-Malta Concert Orchestra.

Lopez, *showman* magħruf ħafna fuq it-televiżjoni Taljana u li żgur m'għandu bżonn ta' l-ebda introduzzjoni, ser ikun qed ikanta selezzjoni ta' mużika *swing* minn fost l-akbar kompożituri ta' dan l-istil ta' kull żmien bħal Cole Porter, George Gershwin, Jimmy Van Heusen, Richard Rodgers u oħrajn. Il-mużika tinkludi suċċessi kbar mis-snin 30 sas-snin 50 u li saru popolari grazzi għall-interpretazzjonijiet ta' kantanti bħal Frank Sinatra, Tony Bennet u Sammy Davis jr. Dawn is-suċċessi jinkludu "Fly me to the moon", "My way", "I've got you under my skin" u "New York, New York" fost ħafna oħrajn.

L-imħabba ta' Lopez għal dan l-istil kibret miegħu matul is-snin sakemm leħqet il-qofol tagħha wara kollaborazzjoni ma' waħda mill-aktar *bands* prestiġjużi Taljani *The Jazz Company*. Id-direttur ta' din il-*band* Gabriele Comeglio ser ikun ukoll qiegħed imexxi il-Big Band tal-Malta Concert Orchestra f'dan il-kunċert spettakolari. Matul il-karriera tiegħu Comeglio ikkollabora ma' bosta rebbieħa ta' Grammy Awards bħal Bob Mintzer u Dee Dee Bridgewater kif ukoll ma' artisti Taljani ta' importanza bħal Fabio Concato, Lucio Dalla, Mina, Ron u Franco Battiato fost oħrajn.

Kif jagħmel dejjem, matul il-kunċert, Massimo Lopez ser ikun qiegħed jinkludi xi monologi, ċajt u xi imitazzjonijiet ta' personaġġi importanti, l-istess imitazzjonijiet li wassluh sabiex jikseb il-popolarità tiegħu bħal dawk tal-politiċi Antonio Di Pietro, Romano Prodi u Giuseppe Conte kif ukoll uħud mill-akbar papiet fl-istorja.

Il-kunċert jibda fit-20:30h. Studenti u anzjani jistgħu jibbenefikaw minn skontijiet speċjali fuq il-biljetti. Għal aktar informazzjoni żur **www.pjazzateatrurjal.mt**

**------------TMIEM------------------------------------------------------------------------------------------------------**